MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 43/2013

**Carmelo Farrugia Melfar Limited**

**Vs**

**Maria Rita Galea**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenuta tigi kkundannata:

1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, seba' mija u tmienja u sittin Euro u erbghin centezmu ta' Euro (€6768.40) rapprezentanti:

(i) It-total tal-fatturi illi kopja taghhom hija hawn annessa u markata Dok A. u B;
(ii) Imghaxijiet ta’ elf, tliet mija u tmenin ewro u tmienja u sittin centezmu ta’ ewro (€1380.68) kalkolati sad-data tas-6 ta’ Frar, 2013; u

2. Thallas ukoll dawk l-imghaxijiet kummercjali ulterjuri illi jkunu dekorribbli mis-7 ta’ Frar, 2013 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi wkoll l-ispejjez tal-mandat kawtelatorju bin-numru 302/13 mahrug kontra l-intimata illi minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

U dana qieghed jintalab umilment mir-rikorrent in vista tal-fatt illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) diga’ ppronunzjat ruhha illi ma hemmx raguni valida ghalfejn l-istess intimata m’ghandhiex thallas is-somma pretiza, u dana kif jirrizulta mill-kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet Maria Rita Galea vs Carmelo Farrugia Melfar Ltd. (deciza nhar is-16 ta’ Lulju, 2012) (Appell Civili numru 8/2011) izda l-istess intimata baqghet inadempjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-istess somma u kwindi, ir-rikorrent ma kien ghad baqghalu l-ebda triq ohra hlief dik illi jirrikorri ghand din il-Qorti permezz tal-prezenti.

Rat ir-risposta ta’ Maria Rita Galea fejn eccepiet:

1. Illi qabel xejn mhux talli s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta’ Lulju, 2012, riferenzjata fir-rikors promotur, ma kkonfermat bl-ebda mod illi s-socjeta’ rikorrenti ghandha tithallas it-total tal-fatturi datati s-27 ta’ Ottubru, 2009 u t-3 ta’ Dicembru, 2009 esebiti mill-istess socjeta’ rikorrenti, izda jinghad espressament f’dik is-sentenza illi t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur seta’ jiddeciedi biss in rigward tal-ewwel fattura (27 ta’ Ottubru, 2009) u mhux ukoll in rigward tat-tieni fattura (3 ta’ Dicembru, 2009).
2. Illi t-talba ghall-hlas ta’ kull ammont pretiz skont l-imsemmija fattura tat-3 ta’ Dicembru, 2009 hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz skont l-imsemmija tieni fattura m'huwiex dovut lis-socjeta' rikorrenti.
4. Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, l-imghaxijiet pretizi skont ir-rikors promotur m'humiex dovuti lis-socjeta' rikorrenti.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti tal-10 t'April 2013 fejn iddiferiet il-kawza ghal provi taz-zewg partijiet fuq it-tieni eccezzjoni u cioe dik tal-preskrizzjoni.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali orali tal-Avukati difensuri tal-partijiet fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

**1.** Is-socjeta' attrici, li tghamel servizzi ta' xoghol ta' liftijiet, stair lifts, wheel chair platforms eccetera'[1], qed titlob minghand il-konvenuta l-ammont ta' €1928.37 permezz ta' invoice tas-27 ta' Ottubru 2009 ghal prezz ta' stairlifts[2] u l-ammont ta' €3459.35 permezz ta' invoice tat-3 ta' Dicembru 2009 ghal intitolata '*extra work*' konsistenti f'lista ta' diversi servizzi fejn issupplixxiet u/jew installat diversi oggetti, kif ukoll ghamlet xoghol ta' alterazzjoni ghal diversi affarijiet.

**2.** Il-konvenuta kkonfermat li dawn is-servizzi fl-invoices tas-27 ta' Ottubru 2009 u tat-3 ta' Dicembru 2009 inghataw lilha mis-socjeta' attrici, pero skont il-konvenuta *« mhux kollox tajjeb kien »*.[3]

**3.** Is-Sur Joseph Farrugia bhala Direttur tas-socjeta' attrici ikkonferma li l-ebda ittra ufficjali ma ntbghatet ghal ammont pretiz tal-invoice ddatata 3 ta' Dicembru 2009.[4]

---

[1] Ara x-xhieda ta' Joseph Farrugia a fol. 19 tal-process.
[2] Ara Dok A a fol. 2 tal-process.
[3] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Maria Galea a fol. 17 tal-process.

**4.** Fis-16 ta' Lulju 2012 fl-ismijijet Maria Rita Galea vs Carmelo Farrugia Melfar il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[5] iddecidiet li l-ammont ta' €1,928.37 portata tal-invoice indikata tas-27 ta' Ottubru 2009, mertu ta' dik il-kawza, huwa dovut mill-konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

F'din is-sentenza, dina l-Qorti se titratta t-tieni eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili hekk, sollevata mill-konvenuta limitatament ghall-ammont pretiz mis-socjeta attrici fl-invoice ghal *extra works* tat-3 ta' Dicembru 2009.

Illi l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili jippreskrivi illi:

« *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu* »

Is-socjeta attrici ma baghtet l-ebda ittra ufficjali lill-konvenuta sabiex din thallas l-ammont li qieghed jigi allegat li hu preskritt.[6] Is-servizzi elenkati f'din l-invoice tat-3 ta' Dicembru 2009 jikkonsistu fis-segwenti:

*«1. Entrance door : alterations to mains water pipework to bury in chases in wall and shifting of water tap, to position within recess in wall, replace tap with nozzle type, supplied and fixed 20' hose, watering spray gun and hanging basket.*

*2. supplied letters' tray ;*

---

[4] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Joseph Farrugia a fol. 21 tal-process.
[5] Ara fol. 4-7 per Onor. Imhallef Raymond C. Pace.
[6] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Joseph Farrugia a fol. 21 tal-process.

*3. supplied and installed green aluminium hand rail from ground to first floor, complete with brackets and end caps.*

*4. supplied and installed grab rail at top of groundfloor stairs ;*

*5. supplied and installed chrome rail.*

*6. supplied clothes drier rack ;*

*7 servicing of automated bed ;*

*8. supplied and installed pipework for water supply and drains for washing machine in the kitchen ;*

*9. installed mirror and medicine chest in bathroom.*

*10. supplied and installed grab rail near bath.*

*11. supplied and installed two grab rails on stairs from first floor to roof.*

*12. alteration to water pipe work on roof and supply of water tap and necessary fittings. »*

Mis-suespost huwa car li dawn is-servizzi huma diversi u hafna drabi lanqas huma konnessi ma' xulxin. Fil-maggoranza taghhom, jista' jinghad li dawn is-servizzi jikkonsistu f'xoghol ta' *plumbing* u s-socjeta attrici issuppliet u wahlet diversi oggetti mal-hajt, principalment *grab rails.*

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjeta attrici ghamlet riferenza ghas-sentenza **Carmelo Farrugia Melfar Limited v. Wiscow International Limited**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] fis-27 ta' Gunju 2002. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirrileva li din is-sentenza ddecidiet il-kawza fil-mertu u mhux l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f'dik il-kawza giet deciza b'sentenza precedenti preliminari tal-Prim Awla tal-Qorti Civili[8] tad-19 t'April 1996. Pero l-preskrizzjoni eccepita f'dik il-kawza kienet dik kontemplata fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili, u mhux dik kontemplata fl-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili kif inhu l-kaz odjern. Ghaldaqstant, dik is-sentenza hija irrilevanti ghal fini tar-rizoluzzjoni tal-eccezzjoni odjerna.

[7] *Per* Imhallef Raymond Pace.
[8] *Per* Imhallef Frank Camilleri.

Ghaldaqstant, din il-Qorti trid tiddetermina jekk il-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(a) hix applikabbli ghax-xogholijiet elenkati fl-*invoice* tat-3 ta' Dicembru 2009.

Fis-sentenza **Joseph Mizzi noe vs. Joseph Delicata pro et noe**, deciza fl-14 ta' Ottubru 1954, il-Qorti tal-Kummerc[9] irriteniet illi :

*« Illi d-disposizzjoni tal-ligi kontenuta fl-ittra (a) tal-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili tirriferixxi ruhha ghall-lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghall-« locatio operis » li biha imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali ; ghal liema kaz hi applikabbli dik il-preskrizzjoni ta' sentejn li hi kontemplata fl-art. 2254(a)[10] tal-istess Kodici citat ghall-lokazzjonijiet tal-bennejja, ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi (« intraprenditori » fit-test originali taljan) ta' bini iehor, jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel jew materjal iehor, ghall-operi mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu » ;*

*Dan gia gie stabbilit fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-18 ta' Mejju 1929, fil-kawza « Pace vs Muscat (Kollez. Vol. XXVII-I-1013) ; f'liema sentenza inghad hekk : « La disposizione dell'artikoli 1912 dell'Ordinanza no. VII del 1868 (korrispondenti ghall-art. 2253 tal-Kodici Civili), secondo la quale si prescrivono col decorso di diecotto mesi le zione dei sarti, calzolai, falegnami, ed altre persone esercente mestieri ed arti meccaniche, pel prezzo delle loro opero, dei loro lavori e delle cose che somministrano, non e applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti ; ai quali crediti e applicabile la prescrizione di due anni stabbilita nell'articolo 1913 (korrispondenti ghall-art. 2254 tal-Kodici citat) ; poiche la disposizione dell'artikocolo 1912 si riferisce a crediti di artefici che prestano la lora opera (« opera »), mentre quella di cui all'articolo 1913 rigauarda i crediti di coloro in cui domina il carattere di speculatori e che, piu che la loro opera, prestano un lavoro (« opus ») che, fino a tanto che non sia consegnato, rimane a loro rischio. »*

---

[9] *Per* Imhallef Tancred Gouder, Vol XXXVIII-III-710.
[10] Korrispondenti ghall-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

Is-servizzi, fuq elenkati, ipprestati mis-socjeta attrici lill-konvenuta ma jikkwalifikawx ghall- *« opera »* imma ghal *« opus »*, u l-kuntratt ta' bejn il-kontendenti kien wiehed ta' *locatio operis* jew appalt, li fih is-socjeta attrici obbligat ruhha li tati mhux ix-xoghol, imma l-prodott tax-xoghol.

Ghaldaqstant, il-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili mhix applikabbli ghal kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Illi ghal ragunijiet fuq premessi dina l-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, u cioe dik li l-fattura tat-3 ta' Dicembru 2009 hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili, u tordna l-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi.

L-ispejjez jigu subiti mill-konvenuta.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------